# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 12**

**Avviz numru 1550/00/SM**

**Brian Pullicino**

**vs**

**Joseph Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija tlieta u sittin lira Maltin (LM763.00,0) jew somma verjuri rapprezentanti danni kkawzati minn u fl-incident**

awtomobilistiku bejn il-vettura tieghu numru IBB-453 u l-vettura numru EBD-457 proprjeta ta' l-attur li sehh fi Pjazza Repubblika, iz-Zurrieq, fit-tlettax ta' Jannar, 2000, liema danni huma attribwibbli unikament lilu u li jirrizultaw mill-ircevuti li kopja taghhom qed tigi hawn annessa bhala dokumenti 'A' u 'B';

2. Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat it-talba ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx htija tal-eccipjent, izda gara unikament tort ta' Malcolm Pullicino xufier tal-vettura tal-attur;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri in dizamina jistghu jigu kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta ta' l-10.00 a.m. tat-13 ta' Jannar, 2000 gewwa Pjazza Repubblika, iz-Zurrieq;

2. Illi l-vetturi involuti f'dan l-incident awtomobilistiku kienu vann tal-marka Transit bin-numru ta' registrazzjoni IBB-453 misjuq

**mill-konvenut Joseph Fenech u vann iehor tal-marka Astra bin-numru EBD-458 misjuq minn Malcolm Pullicino;**

3. **Illi Malcolm Pullicino jsostni li hu kien qed isuq il-vann in dizamina fid-direzzjoni tal-knisja tar-rahal qabez karozza u ezatt kif ghamel hekk hass daqqa fuq il-karozza tieghu minn wara;**

4. **Illi minn naha l-ohra l-konvenut Joseph Fenech isostni li waqt li hu kien qed isuq fid-direzzjoni tal-knisja taz-Zurrieq jistenna vettura ohra biex tohrog halli jipparkja minflokha hakkek mieghu Pullicino bil-vettura tieghu;**

5. **Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghall-seba' mija u tlieta u sittin Lira Maltin, (LM763.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-incident in dizamina hu wiehed li jimmerita l-istmerrija ta' din il-qorti stante li kien wiehed li facilment seta' jigi evitat kieku l-partijiet involuti kienu prudenti u diligenti fis-sewqan kif hu tassativament rikjest minnhom;**

**Illi l-velocita' tassew minima li biha kienu qed isuqu tkompli ssahhah din il-konvinzjoni;**

**Illi ghaldaqstant iz-zewg konducenti ghandhom iwiegbu ghal dan l-incident;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi:**

1. **Tiddikjara lil Malcolm Pullicino u lil Joseph Fenech ugwalment responsabbli ghall-incident de quo;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' seba' mija u tlieta u sittin lira Maltin, (LM763.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur nofs l-ammont hekk likwidat, senjatament tlett mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM382.50,0), inkluzi l-imghaxijiet dovuti mid-data ta' l-ittra ufficcjali, bl-ispejjez ukoll jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**